KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sittin (60)***

***It-Tnejn, 3 t' April, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**60.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

60.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

60.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 59 li nżammet nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu, 2023.

60.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 59 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

60.2.3 **Mozzjoni 60-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 59.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 59 ġew approvati unanimament.

**60.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 60(08) – April 2023***

60.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 60(08) permezz cheque numru 7214 u 7216 (ref. 10753 u 10754) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10740 sa 10773 li jammontaw €24,967.82

60.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

60.3.3 **Mozzjoni 60-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 60(08) bl-ammont ta' €24,967.82

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 60(08) ġiet approvata unanimament.

**60.4 Korrispondenza**

60.4.1 Tressqet korrispondenza rigward Skema għall-attivitajiet Kulturali. Il-Kunsill qabel li napplikaw għall-Karnival tas-sena d-dieħla bir-rendikont tal-ispejjeż li ntneffqu din is-sena. Dwar dan il-Kunsill qabel.

60.4.2 Tressqet korrispondenza rigward Skema għall-komunitajiet aktar siguri u organizzati. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-CCTV cameras f'żoni problematiċi. Għaldaqstant se jiġu identifikati ż-żoni fejn se napplikaw.

60.4.3 Tressqet korrispondenza rigward Skema għall-Manutenzjoni ta' Proġetti Maġġuri. Il-Kunsill qabel li japplika sabiex issir manutenzjoni fuq l-iStatwa ta' Santa Marija.

60.4.3 Tressqet applikazzjoni PA/1864/23 għall-bini ta' diversi appartamenti fi Triq iż-Żejtun. Il-Kunsill qabel li joġġezzjona fuq dawn il-kriterji:
- iż-żona kollha hemm bini li hu għoli żewġ sulari, filwaqt li din l-applikazzjoni hija proposta għall-iktar sulari. Għaldaqstant il-Kunsill jesiġi li jinżamm l-istess għoli tal-bini.
- iż-żona diġà hija meqjusa bħala waħda traffikuża u b'dan il-permess jista' joħloq iktar konġestjoni u inkonvenjent.
- Se tinqered l-unika art agrikola li hemm fiż-żona.

60.4.4 Tressqet talba sabiex jerġa jsir is-Summer Camp man-Nursery. Il-Kunsill qabel li jerġa jissusidja l-coaches u jinxtraw il-kits għall-attivita'. Filwaqt li bħala għajnuna għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Għaxaq il-Kunsill jista' jassisti billi jinxtraw *snacks* u *drinks* għat-tfal sa massimu ta' €200. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

60.4.5 Tressqet korrispondenza mingħand id-Direttorat tal-Lifelong Learning fejn infurmaw lill-Kunsill l-kors tal-Bizzilla mhux se jibqa' jsir minħabba li l-post mhux aċċessibli. Is-Sindku qal li se jiddiskuti dwarha mad-Direttorat.

60.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rċiviet korrispondenza dwar jekk ingħatajniex risposta dwar librerija temporanja. Minħabba li l-Kunsill baqa' ma rċieva l-ebda risposta, ġie suġġeriet li jinġiebu kwotazzjoni għall-*prefabricated container* sabiex jintuża' bħala Librerija temporanja. Email l-education li minhabba l-progett taghhhomn spiccajna bla librerija.

60.4.6 Rigward l-iskart tal-Festi, ir-Reġjun infurmawna li fit-tender, il-kuntrattur huwa obbligat li jiġbor l-iskart tal-festi. Issuġerewlna li niltaqgħu mal-kuntrattur u nitkellmu miegħu. 3 Karnival + 5 kazin + 5 kazin. Laqgha mal-kazini dwar dan.

60.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fi 28 ta' Marzu sar *filming* ġo residenza fi Triq San Filippu. Il-Kumpanija talbet lill-Kunsill jiffirma agreement sabiex ikun jista' jingħata donazzjoni. Minħabba li dan l-*agreement* ma kienx relatat mal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minflok se tinħareġ ittra ta' fejn il-Kunsill qed jawtorizza li jsir il-*filming* b'xi kundizzjonijiet. L-ittra nqrat u l-Kunsill approva.

60.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li attendiet il-Laqgħa li saret il-WSC dwar proġett maġġur li se jsir fin-naħa t'isfel ta' Malta fejn se jinbidel il-waste water f'ilma li jista' jintuża' għat-tisqija tal-għelieqi. Dan il-proġett se jaffettwa Triq Carmelo Rosario Dimech, Triq l-Andar u Triq Ta' Loretu sal-Ġibjun tal- WSC li hemm f'Dawret Ħal Għaxaq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li se ssir laqgħa ta' informazzjoni miftuħa għall-pubbliku li jista' jkun affetwat minn dan il-proġett. Sabiex ninfurmaw lill-pubbliku għal din il-Laqgħa se jsir avviż fuq il-paġna soċjali ta' Facebook kif ukoll jitwaħħal avviż fit-toroq affettwati. Dwar dan il-Kunsill qabel. F'din il-Laqgħa se jsir ukoll is-*survey* mitlub mill-*Managing Authority* dwar Miżura 4.3 lill-bdiewa li se jkunu preżenti.

60.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn studenti sabiex isir tindif f'żona bħala xogħol fil-komunita'. Qed jiġi propost li titnaddaf iż-żona ta' Triq il-Merill u jitħawwlu xi siġar. Il-Kunsill approva.

**60.5 <u>Jum Ħal Għaxaq</u>**

60.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxiet li l-attivita' fil-Ġnien issir bejn il-5:30pm u s-6pm. Is-Sindku Darren Abela ppropona li biex niddeċiedu dwar is-*set-up,* ippropona li jiltaqgħu fuq il-post fl-14 t'April.

60.5.2 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li l-grupp tal-Folklor ikkonfermaw li se jattendu filwaqt li talbu li l-Kunsill jagħmel l-arranġamenti sabiex minn Għawdex nipprovdulhom it-trasport.

60.5.3 Il-Kunsill qabel ukoll li dakinhar tinżara' biss siġra waħda b'memorja tal-ex-Sindku, peress li din l-attivita' qed issir biex nagħtu l-isem il-ġdid il-Ġnien.

60.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv stiedet il-membri kollha sabiex iressqu n-nomini tagħhom għall-Ġieħ Ħal Għaxaq. Ma tressqu ebda nomini għaldaqstant il-Kunsill qabel li din is-sena dan il-Premju ma jingħatax.

**60.6 <u>Proċess ta' ħlas u rimbors għas-servizz tal-Ġbir ta' Skart</u>**

60.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar il-proċedura ta' kif se jibda' jiġi mħallas is-servizz ta' ġbir ta' skart. Qalet li mit-tieni, t-tielet u r-raba' tranche tal-allokazzjoni se jittieħed 70% biex jiġi mgħoddi lir-Reġjun. Dan jista' joħloq piż finanzjarju fuq il-Kunsill minħabba li se tittieħed l-allokazzjoni. Il-Kunsill jista' jkun f'pożizzjoni aħjar meta jirċievi ir-rimbors li l-Kunsill se jingħata fuq il-ħlas tal-iskart organiku, ħġieġ u skart riċiklat. Iktar tard matul din is-sena, il-Kunsill jista' jkollu stampa finanzjarja naqra iktar ċara, meta il-Kunsill jibda' jirċievi r-rimbors.

60.6.2 Tressqet l-*invoice* għall-ħlas tal-ġbir ta' skart ta' Jannar 2023 li tammonta għall-€8,052.51. Il-Kunsill qabel li l-pagament jiġi mgħoddi lir-Reġjun.

**60.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

60.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li wara li tkellem ma Infrastructure Malta rigward il-pavimentar tal-isqaqin infurmawna li jistgħu jaslu sal-konkos biss. Ġie ssuġerit li l-isqaqin isiru bil-konkos. Il-Kunsill ma jaqbilx li jsiru bil-konkos iżda jitpoġġa l-porfido.

60.7.2 Is-Sindku Darren Abela ssuġġerixxa li jsir meeting ma Festivals Malta rigward il-Karnival. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li se jorganizza din il-laqgħa.

60.7.3 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu talba mingħand resident sabiex titwaħħal tabella mal-bieb tiegħu biex ma jipparkjawx karozzi faċċata sabiex ikun jista' joħroġ mill-garaxx. Fit-tabella jiġi miktub li l-Kunsill infurmat. Il-Kunsill ma qabilx.

60.7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li waqt il-funeral ta' Dr Rizzo Naudi se jitlob lill-familjari sabiex jieqfu quddiem il-Kunsill u nsellmulu. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa l-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skużat (8:15pm)*

**60.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

60.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet talba sabiex issir *road hump* fi Triq San Filippu (lejn it-Turretta). Il-Kunsill ma jaqbilx minħabba li r-road humps dejjem joħolqu inkonvenjenza lir-residenti. Hija pproponiet li forsi jista' jsir ħadida quddiem il-bieb ta' dan ir-resident minħabba li kellu aċċident u daħlulu fil-faċċata. Il-Kunsill ma qabilx li ssir ħadida għaliex jekk xi ħadd jagħmel ħsara magħha, il-Kunsill jinżamm responsabbli.

60.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar il-yellow lines li kellhom isiru fi Vjal il-Labour. Is-Sindku qal li qed jistenna risposta mingħand għandhomx il-permessi kollha neċessarji.

60.8.3 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet talba sabiex jinqata' l-ħaxix li hemm fit-triq lejn Wesgħa Bir id-Deheb.

**60.9 Mozzjonijiet**

60.9.1 Annessi mal-Minuti

**60.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

60.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 60**

**Mozzjoni Ref:** 60-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 59

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 3 t'April 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 60**

**Mozzjoni Ref:** 60-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagament Nru 60/08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 3 t'April 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**